**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Illum, 13 ta' Jannar 2025**

**Każ Numru: 25/2025**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Anna Maria Ruth Natalia Galea**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0567993M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata, Anna Maria Ruth Natalia Galea ta' wieħed u tletin (31) sena bint John Galea u Miriam Galea xebba Zahra, mwielda nhar it-18 ta' Novembru 1993 ġewwa l-Pieta', residenti ġewwa fond numru 21, Triq il-progress, Kalkara u detentriċi tal-karta tal-identita' 0567993M, akkużata talli bejn il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025 fil-ħdax ta' flgħaxija (23:00hrs) u s-Sibt 11 ta' Jannar 2025 fit-tmienja ta' flgħaxija (20:00hrs) ġewwa dawn il-gżejjer Maltin f'diversi ħinijiet b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Użat vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġġiegħel lill-**eks sieħba tagħha Charmaine Debattista** tagħmel, tħalli ssir, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa, jew sabiex tnaqqas l-abilitajiet tal-**eks sieħba tagħha Charmaine Debattista** jew iżolat tali persuna jew illimitalha l-aċċess għall-flus,

edukazzjoni jew impjieg u meta din wasslet fil-ħsieb tagħha u dan aggravat minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament kif wkoll id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-***Artikoli 251(1)(2), 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

2. Ikkaġunat lill-**eks sieħba tagħha Charmaine Debattista** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-***Artikoli 251B, 251H(a)(b)(h), 251HA u 202(h) tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

3. Ġabet ruħha b'mod li taha fastidju lill-**eks sieħba tagħha Charmaine Debattista** jew ġabet ruħha b'mod li kienet taf jew kien imissha kienet taf li dan kien ta' fastidju għall-**eks sieħba tagħha Charmaine Debattista** u dan aggravat minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament kif wkoll id-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u dan bi ksur tal-***Artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b)(h) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

4. U aktar talli nhar bejn il-Ħamis 09 ta' Jannar 2025 fil-ħdax ta' flgħaxija (23:00hrs) u s-Sibt 11 ta' Jannar 2025 fit-tmienja ta' flgħaxija (20:00hrs) f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li tagħmel xi reat, bil-ħsieb li ġġiegħel lil Charmaine Debattista biex tagħmel jew tonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li takkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex timmalafama lil Charmaine Debattista jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-***artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.***

5. U aktar talli bejn il-Ħamis 09 ta' Jannar 2025 u s-Sibt 11 ta' Jannar 2025 f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin għamlet inġurji jew theddid lil Charmaine Debattista liema inġurji mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kienet pprovokatha, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-***artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

6. Irrendiet ruħha reċediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba, sabiex f'każ ta' ħtija minbarra l-pieni li jidrilha xierqa, tipprovdi għas-sigurtà ta' Charmaine Debattista u l-familjari tagħha, u dan ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika l-Artikoli 382A, u 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat illi fis-seduta tal-lum, wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament, sar l-eżami tal-imputata u hija wieġbet ħatja, u wara li l-Qorti ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-imputata b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tagħha, spjegatilha ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u li l-Qorti ssospendiet il-proċeduri sabiex tagħti żmien lill-ħatja terġa tikkonsulta mal-avukat tagħha bil-għan li terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni tagħha.

Rat li stante l-ammissjoni tal-imputata, il-Qorti ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Il-Qorti rat li l-imputata issottomettiet ruħha għal-Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali skont id-digriet tal-Qorti mogħti illum stess liema ordni tibqa fis-seħħ għal perjodu ta' sentejn.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess imputata, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena qieset l-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħatja fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tagħha.

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-istess imputata, wara li rat l-artikoli 251(1)(2), 251H(a)(b)(h), 251HA, 202(h), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputata Anna Maria Ruth Natalia Galea, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0567993M ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha, u wara li addebitat l-aggravju tar-reċidiva skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) minnflok il-piena tordna li l-imputata tintrabat b'obbligazzjoni tagħha nnifisha għal żmien sena mil-lum taħt penali ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) biex iżomm il-bon-ordni pubblika u l-kwiet ma' Charmaine Debattista u l-familjari tagħha.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ai termini tal-Artikolu 532A, 532B u/jew 533 peress li skont ma ddikjara l-Uffiċjal Prosekutur ma nħatrux esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti finalment tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------